# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-438/23**

**Protéines France**
**u**
**Union végétarienne européenne (EVU)**
**u**
**Association végétarienne de France (AVF)**
**u**
**Beyond Meat Inc.**
**vs**
**Ministre de l'Économie, des Finances et de la Souveraineté industrielle et numérique**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Conseil d'État (Franza))

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-4 ta' Ottubru 2024**

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 1169/2011 – Informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prodotti tal-ikel – Artikolu 2(2)(n) sa (p) u Artikoli 7, 9 u 17 – Prattiki leali dwar id-denominazzjoni tal-prodotti tal-ikel – Denominazzjonijiet legali, ismijiet tradizzjonali u ismijiet deskrittivi – Sostituzzjoni ta' komponenti jew ingredjenti ta' prodott tal-ikel – Artikolu 38(1) – Kwistjonijiet speċifikament armonizzati – Miżuri nazzjonali li jipprojbixxu l-użu ta' denominazzjonijiet tal-laħam sabiex jiġi deskritt prodott li fih proteini veġetali"

1. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prodotti tal-ikel – Regolament Nru 1169/2011 – Informazzjoni obbligatorja dwar prodotti tal-ikel – Indikazzjoni obbligatorja ta' denominazzjoni legali, isem tradizzjonali jew isem deskrittiv tal-prodott tal-ikel – Kummerċjalizzazzjoni jew reklamar ta' prodotti tal-ikel li fihom proteini veġetali – Użu ta' denominazzjonijiet tal-laħam li jistgħu jqarrqu bil-konsumaturi – Kwistjoni speċifikament armonizzata – Adozzjoni ta' miżuri nazzjonali li ma jipprevedux denominazzjoni legali iżda li jipprojbixxu l-użu ta' denominazzjonijiet tal-laħam sabiex jindikaw prodott li fih proteini veġetali – Inammissibbiltà*
*(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1169/2011, Artikoli 2(2)(o) u (p), 7, 9(1)(a), 17 u 38(1), u Anness VI)*

(ara l-punti 61 sa 66, 68 sa 73, 77, 78, 80 sa 84, u 90 sa 96, u d-dispożittiv 1)

2. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prodotti tal-ikel – Regolament Nru 1169/2011 – Adozzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi nazzjonali għal ksur tar-Regolament jew ta' miżuri nazzjonali f'konformità ma' dan tal-aħħar – Ammissibbiltà – Adozzjoni ta' miżura nazzjonali għall-iffissar ta' rati massimi*

*ta' proteini veġetali aċċettati li jippermettu li prodotti tal-ikel jiġu deskritti permezz ta' ismijiet tradizzjonali jew deskrittivi tal-laħam – Inammissibbiltà*
*(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1169/2011, Artikolu 38(1))*

(ara l-punti 104 u 105, u d-dispożittiv 2)

**Sunt**

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat il-ġurisprudenza tagħha dwar il-kunċett ta' "armonizzazzjoni speċifika" fis-sens tal-Artikolu 38(1) tar-Regolament Nru 1169/2011[1], li tipprekludi, bħala prinċipju, lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri nazzjonali.

Protéines Frances, li kienet tirrappreżenta l-interessi tal-impriżi attivi fis-suq Franċiż tal-proteini veġetali, l-Union végétarienne européenne (EVU), l-Association végétarienne de France (AVF), li kienu jirreklamaw il-veġetarjaniżmu, u Beyond Meat, li kienet timmanifattura u tikkummerċjalizza prodotti abbażi ta' proteini veġetali, ippreżentaw rikors quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) sabiex jiksbu l-annullament tad-digriet (iktar 'il quddiem id-"digriet inkwistjoni") dwar l-użu ta' ċerti denominazzjonijiet użati sabiex jiġu indikati prodotti li jkunu jinkludu proteini veġetali[2].

Permezz tar-rikorsi tagħhom, dawn sostnew li d-digriet inkwistjoni, li pprojbixxa l-użu, sabiex jiġu indikati prodotti pproċessati li kien fihom proteini veġetali, ta' denominazzjonijiet bħal "steak" jew "zalzett", mingħajr u anki biż-żieda ta' preċiżazzjonijiet addizzjonali, kien jikser diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1169/2011.

Matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet Franċiżi adottaw digriet[3] ġdid li ppreveda t-tħassir tad-digriet inkwistjoni. Wara talba għal informazzjoni li saritlu mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ikkonferma li r-risposta għad-domandi preliminari tiegħu kienet għadha determinanti għas-soluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiemu.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Preliminarjament, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, li kienet tgħid, b'mod partikolari, li l-portata ta' dawn iż-żewġ digrieti kienet parzjalment identika u li diversi rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu wrew l-intenzjoni li jikkontestaw ukoll it-tieni digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ammissibbli t-talba għal deċiżjoni preliminari, li la kienet tilfet is-suġġett tagħha u lanqas ma kienet saret ipotetika.

[1] Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU 2011, L 304, p. 18, rettifiki fil-ĠU 2014, L 331, p. 40, ĠU 2016, L 266, p. 7, u ĠU 2022, L 35, p. 26)

[2] Digriet Nru 2022–947 tad-29 ta' Ġunju 2022 dwar l-użu ta' ċerti denominazzjonijiet użati sabiex jiġu indikati prodotti li jkunu jinkludu proteini veġetali (JORF tat-30 ta' Ġunju 2022, test Nru 3).

[3] Digriet Nru 2024-144 tas-26 ta' Frar 2024 dwar l-użu ta' ċerti denominazzjonijiet użati sabiex jiġu indikati prodotti tal-ikel li jkunu jinkludu proteini veġetali (JORF tas-27 ta' Frar 2024, test Nru 15)

Fuq il-mertu, fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset flimkien id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1), (2) u (4), tal-Artikolu 9(1)(a), tal-Artikolu 17(1) u (5), kif ukoll tal-punt 4 tal-Parti A tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1169/2011 u ġabret fil-qosor il-kontenut kif ġej. L-ewwel nett, l-oġġetti tal-ikel għandu jkollhom denominazzjoni. It-tieni nett, din id-denominazzjoni għandha tkun denominazzjoni legali jew, fin-nuqqas ta' tali denominazzjoni, isem tradizzjonali jew, fin-nuqqas ta' dan, isem deskrittiv. It-tielet nett, l-imsemmija denominazzjoni għandha tkun preċiża, ċara u li tinftiehem faċilment mill-konsumaturi. Ir-raba' nett, l-istess denominazzjoni ma għandhiex tqarraq bil-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-karatteristiċi tal-prodott tal-ikel ikkonċernat, li fosthom hemm in-natura u l-kompożizzjoni tiegħu, u fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' komponenti preżenti b'mod naturali jew ta' ingredjenti normalment użati b'komponenti jew ingredjenti differenti. Il-ħames nett, tali rekwiżiti għandhom jiġu osservati waqt il-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar ta' kull prodott tal-ikel.

Fit-tieni lok, fir-rigward b'mod iktar partikolari tad-denominazzjonijiet legali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dawn jistgħu jiġu preskritti minn dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, jew, fl-assenza, minn dispożizzjonijiet nazzjonali[4]. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li ma kinitx teżisti dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li timponi l-użu ta' ċerti denominazzjonijiet legali għall-prodotti abbażi ta' proteini veġetali jew li tippreskrivi d-denominazzjonijiet legali applikabbli għal prodotti minħabba s-sempliċi fatt li huma ddefiniti bħala li joriġinaw mill-annimali, mingħajr preċiżazzjonijiet oħra. Filwaqt li osservat li mill-proċess li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha kien jirriżulta li l-awtoritajiet Franċiżi kienu eskludew l-ipoteżi li d-digriet inkwistjoni jistabbilixxi denominazzjoni legali, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kwistjoni dwar jekk dawn l-awtoritajiet adottawx tali denominazzjoni kellha tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni oġġettiva mill-qorti tar-rinviju, li lilha hija setgħet madankollu tipprovdi l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li kienu neċessarji għaliha għal dan l-għan.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sabiex jiġi indikat prodott tal-ikel, id-denominazzjonijiet legali għandhom ikunu "preskritti" jew "previsti". Għalhekk, l-adozzjoni ta' denominazzjonijiet legali tikkonsisti fl-assoċjazzjoni ta' espressjoni speċifika ma' oġġett tal-ikel partikolari.

Issa, l-adozzjoni ta' miżuri li jipprevedu li prodotti tal-ikel għandhom josservaw ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tagħhom, sabiex jiġu indikati b'termini użati bħala denominazzjonijiet legali ma tistax titqies li hija ekwivalenti għall-adozzjoni ta' miżuri li jipprojbixxu l-użu ta' ċerti termini, li ma jkunux iddefiniti legalment, sabiex jindikaw prodotti tal-ikel li għandhom ċerti karatteristiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tagħhom.

Fil-fatt, l-ewwel miżuri jippermettu li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur, li għandu jkun jista' jitlaq mill-prinċipju li prodott tal-ikel indikat minn termini speċifiċi li jikkostitwixxu denominazzjoni legali partikolari jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikament previsti għall-użu tiegħu. Min-naħa l-oħra, it-tieni miżuri ma jirriżervawx l-użu ta' termini ddefiniti b'mod preċiż, bħala denominazzjoni legali, minn awtorità, għall-indikazzjoni tal-prodotti tal-ikel li jkollhom karatteristiċi speċifiċi.

[4] Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament Nru 1169/2011.

F'dan il-każ, id-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix regola li tirriżerva għall-prodotti tal-ikel iddefiniti bħala li joriġinaw mill-annimali l-użu ta' denominazzjonijiet legali li jinkludu termini li jirriżultaw mis-setturi tal-laħam, tal-prodotti tal-majjal u tal-ħut, li kienu msemmija mid-digriet inkwistjoni[5]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dan kien jidher li kien l-istess fid-dritt Franċiż.

Għaldaqstant, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-digriet inkwistjoni ma kienx fih "denominazzjonijiet legali", iżda kien jikkonċerna l-kwistjoni dwar liema kienu l-"ismijiet tradizzjonali" jew l-"ismijiet deskrittivi" li ma setgħux jintużaw sabiex jindikaw il-prodotti tal-ikel abbażi ta' proteini veġetali.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeterminat jekk dawn iż-żewġ kunċetti humiex speċifikament armonizzati mir-Regolament Nru 1169/2011. Hija rrilevat li l-Artikolu 2(2)(o) u (p) ta' dan ir-regolament ma jipprovdix li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri li jirregolaw l-ismijiet komuni jew l-ismijiet deskrittivi ta' prodott tal-ikel partikolari. Fil-fatt, fid-dawl tad-definizzjonijiet adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni għal dawn l-ismijiet tradizzjonali u deskrittivi, il-portata tagħhom ma tistax tiġi limitata, b'mod ġenerali u astratt, mill-awtoritajiet nazzjonali. Għalhekk, fin-nuqqas li tiġi adottata denominazzjoni legali, Stat Membru ma jistax jimpedixxi, permezz ta' projbizzjoni ġenerali u astratta, lill-produtturi ta' prodotti tal-ikel abbażi ta' proteini veġetali milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jindikaw id-denominazzjoni ta' dawn il-prodotti permezz tal-użu ta' ismijiet tradizzjonali jew ta' ismijiet deskrittivi[6].

B'mod partikolari, fir-rigward tal-possibbiltà għal Stat Membru li jadotta miżuri ġenerali u astratti sabiex jipprevjeni r-riskju li jitqarrqu l-konsumaturi minħabba s-sostituzzjoni tal-proteini tal-annimali bi proteini veġetali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 7(1)(d) u l-punt 4 tal-Parti A tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1169/2011 jikkonċernaw is-sostituzzjoni ta' komponenti jew ta' ingredjenti tal-prodotti tal-ikel. Għaldaqstant, din il-kwistjoni hija wkoll speċifikament armonizzata minn dan ir-regolament.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dawn id-dispożizzjonijiet ikopru wkoll il-kwistjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-konsumaturi meta l-kompożizzjoni tal-prodott tal-ikel ikkonċernat issir kompletament differenti. Fil-fatt, il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi li dan ir-regolament huwa intiż li jilħaq[7] jirriskja li jiġi kompromess jekk, paradossalment, id-dispożizzjonijiet dwar is-sostituzzjoni, fi prodott tal-ikel, ta' komponent jew ta' ingredjent b'komponent jew ingredjent differenti ma japplikawx meta din is-sostituzzjoni tikkonċerna komponent jew ingredjent li jkun partikolarment importanti għall-prodott tal-ikel, jew li jikkostitwixxi l-uniku komponent jew ingredjent tiegħu.

Għaldaqstant, l-imsemmija dispożizzjonijiet jistabbilixxu preżunzjoni konfutabbli li l-informazzjoni pprovduta skont il-modalitajiet stabbiliti minnhom tipproteġi b'mod suffiċjenti lill-konsumaturi, inkluż fil-każ ta' sostituzzjoni totali tal-komponent jew tal-ingredjent uniku li dawn jistgħu jistennew li jkunu jinsabu fi prodott tal-ikel iddenominat b'isem tradizzjonali jew b'isem deskrittiv li jinkludi ċerti termini.

[5] Din il-konstatazzjoni testendi wkoll għall-kliem elenkati fl-Anness I tad-Digriet Nru 2024–144.

[6] Artikolu 38(1) tar-Regolament Nru 1169/2011.

[7] Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1169/2011, moqri fid-dawl tal-premessi 1 u 3 tiegħu.

Madankollu, jekk awtorità nazzjonali tqis li l-modalitajiet konkreti għall-bejgħ jew ir-reklamar ta' ikel iqarrqu bil-konsumatur, hija tkun tista' tfittex lill-operatur fin-negozju tal-ikel rilevanti, li jkun responsabbli [8] għall-informazzjoni li tkun tinsab fuq dak il-prodott tal-ikel u li jkollu l-obbligu li jiżgura l-preżenza u l-eżattezza ta' dik l-informazzjoni, u jkollu l-obbligu juri li l-preżunzjoni msemmija iktar 'il fuq hija kkonfutata.

Konsegwentement, b'risposta għall-ewwel żewġ domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 7 u 17 kif ukoll il-punt 4 tal-Parti A tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1169/2011, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 2(2)(o) u (p) u tal-Artikolu 9(1)(a) tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jarmonizzaw speċifikament, fis-sens tal-Artikolu 38(1) ta' dan ir-regolament, il-protezzjoni tal-konsumaturi kontra r-riskju li jiġu mqarrqa bl-użu ta' denominazzjonijiet, barra mid-denominazzjonijiet legali, ikkostitwiti minn termini li ġejjin mis-setturi tal-laħam, tal-prodotti tal-majjal u tal-ħut, sabiex jiddeskrivu, jikkummerċjalizzaw jew jirreklamaw prodotti tal-ikel li fihom proteini veġetali minflok proteini li joriġinaw mill-annimali, inkluż meta dawn ikunu hekk fit-totalità tagħhom, u, minħabba f'hekk, jipprekludu lil Stat Membru milli jadotta miżuri nazzjonali li jirregolaw jew jipprojbixxu l-użu ta' tali denominazzjonijiet.

Fir-rigward tat-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, minn naħa, li l-armonizzazzjoni speċifika li jagħmlu d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq ma tipprekludix lil Stat Membru milli jadotta sanzjonijiet amministrattivi f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet u tal-projbizzjonijiet li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet jew ta' miżuri nazzjonali li jkunu konformi mal-imsemmija dispożizzjonijiet. Min-naħa l-oħra, l-iffissar ta' rati massimi ta' proteini veġetali aċċettati [9] sabiex il-prodotti tal-ikel ikunu jistgħu jiġu indikati minn ċerti ismijiet tradizzjonali jew deskrittivi jkun ekwivalenti għar-regolamentazzjoni tal-użu tagħhom, mingħajr madankollu ma jiġu adottati denominazzjonijiet legali. Issa, peress li l-imsemmija dispożizzjonijiet jarmonizzaw speċifikament l-użu ta' dawn l-ismijiet, Stat Membru ma jistax jadotta miżura f'dan ir-rigward, mingħajr ma jipperikola l-uniformità tad-dritt tal-Unjoni.

[8] Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament Nru 1169/2011.

[9] Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2022-947.